Written by Website Publisher Manager
Wednesday, 17 November 2010 17:47 - Last Updated Wednesday, 24 November 2010 23:10

# Tislima lil Isqof
## Li kien ihobb
## lil San Gorg



F'Ghawdex inghatat l-ahhar tislima lil Nikol Guzeppi Cauchi li ghal 38 sena shah serva bhala Isqof tad-Djocesi t'Ghawdex. Cauchi jibqa imfakkar ghall-gherf u t-taghlim kbir tieghu, l-aktar fejn tidhol is-Socjologija. Izda kien hemm drabi ukoll fejn tkellem dwar San Gorg Martri.

L-aktar kitba importanti hija dik tal-1969 meta fic-Cirkulari numru 26/69 tkellem dwar il-qdusija ta' San Gorg. Dakinhar kiteb hekk: "ta' min isemmi li San Gorg Martri, li ismu ghadu miktub fil-Kalendarju tal-Qaddisin...jibqa jigi iccelebrat bl-istess rit kif kien qabel u jibqa meqjum bhala wiehed mill-qaddisin protetturi tad-djocesi".

Sena qabel f'cikulari ohra kien kiteb hekk: "l-ezistenza ta' dan il-kbir qaddis martri hija storikament certa u l-kult tieghu...huwa antik daqs il-martirju tieghu".

L-Isqof Nikol Cauchi twieled fl-Gharb fl-1929 u serva ukoll ghal xi snin bhala kappilan tal-Fontana.